# 450 Sena tal-Kunvent tar-Rabat Malta

## L-Ewwel Kunvent

Għalkemm mhux kulħadd jaqbel meta l-patrijiet Agostinjani bnew il-kunvent u l-knisja bl-isem ta' Santu Wistin barra l-bibien ta' l-Imdina, hu żgur li fis-sena 1460 dawn kienu diġa' jeżistu. Skond dokumenti, jinżamm li l-kunvent kien mibni fis-sena 1383. Pero' s-seklu 15 kien dak ta' l-Imperu Ottoman. L-armata Torka b'qawwa u ħruxija li tbeżża kienet iġġarraf u taħtaf taħt idejha l-artijiet kollha tal-Lvant Qarib u ta' l-Afrika ta' Fuq. F'Lulju tas-sena 1551, Sinan Pascia' b'armata ta' madwar 140 ġifen tal-gwerra niżel fil-port ta' Marsamxett u bla telf ta' żmien ġibdet lejn ir-Rabat.



## Il-qerda ta' l-ewwel Kunvent

Meta l-Maltin raw li ma kien hemm ħadd li seta' jiddefendihom sewwa kontra l-qawwa tat-Torok, inġabru fl-Imdina bil-ħsieb li minn hemm ikunu jistgħu jiddefendu ruħhom minn wara l-ħitan ta' dik il-belt. Iżda meta dawn irrealiżżaw il-periklu kbir ta' l-armata Torka li kienet tiela' lejn l-Imdina u li setgħet tieħu l-kunvent ta' Santu Wistin, li kien tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mill-bieb ta' l-Imdina, u jserviha bħala bażi għal attakk aħħari kontra l-Imdina, b'rabja kbira, il-poplu ħareġ mill-Imdina u b'għodda apposta, qered għal kollox il-kunvent u l-knisja. Mal-qerda tal-kunvent intilef kollox, l-librerija, l-arkivju, id-depositu etc.

## Wara l-qerda tal-Kunvent

Wara l-qerda tal-kunvent, u wara talba lill-Gran Mastru ta' dak iż-żmien Claude de La Sengle, marru joqogħdu l-Isptar ta' Santu Spirtu fir-Rabat. L-Agostinjani damu jgħixu f'dan l-Isptar madwar sitt snin sakemm huma akkwistaw minn għand l-Isqof Domenico Cubelles il-kappella benefiċjali ta' San Mark Evangelista u fit-13 ta' Awwissu tas-sena 1556, wara li akkwistaw il-permessi kollha meħtieġa, taw bidu għall-kunvent ġdid, jiġifieri dak li jeżisti llum mingħajr il-bidliet li saru fih matul iż-żmien.

## Bini tat-Tieni Kunvent

Fuq is-Saqqajja fis-sena 1555 kien hemm knisja ċkejkna ta' San Mark bi ftit kmamar u kuriduri mitluqa u mkissra. Kienet tal-Katidral iżda mogħtija b'titlu ta' benefiċju lil Dun Bert Mangion. L-Isqof Domenico Cubellus, bil-kunsens tal-benefiċjarju Dun Bert Mangion, tal-Kapitlu tal-Katidral u tal-parti l-kbira tal-kleru, bl-atti tan-nutar Brandano Caxaro, f'jum il-festa ta' Santu Wistin, fit-28 ta' Awwissu 1555, ittrasferixxa l-knisja ta' San Mark u l-bini msemmi ma' ġenbha lill-patrijiet b'titlu ta' donazzjoni perpetwa. Din il-kappella kienet eżatt fejn illum hemm il-Kappella ta' l-Ispirtu s-Santu fil-knisja ta' San Mark fir-Rabat.

Malli bdew il-bini tal-kunvent l-ġdid fit-13 ta' Awwissu 1556, fuq id-disinn ta' l-arkitett Malti Ġlormu Cassar, il-patrijiet ħassew il-ħtieġa li jirrikorru għall-fondi meħtieġa, fejn kitbu wkoll lill-Gran Mastru de la Sengle.

## It-Tielet Kunvent

Fit-tieni kunvent fuq is-Saqqajja, il-patrijiet kienu diġa' ilhom jgħixu ftit anqas minn mitejn sena. Peress li ż-żmien beda jagħmel tiegħu, parti kbira mill-kunvent kellha tant ħsara li kienet tinħtieġ li titwaqqa'. Id-deċiżjoni ttieħdet fil-15 ta' Marzu 1739. Wara preżentazjoni ta' diversi pjanti, intgħażel il-perit Andrea Belli. Ix-xogħol inbeda fis-26 ta' Awwissu 1740. Wara xi diffikultajiet u ntoppi li nqalgħu matul iż-żminijiet, fl-1 ta' Diċembru 1756, x-xogħol seta' jitkompla sat-tmiem; xogħol li s-sbuħija tiegħu għadha titgawda sallum.



Propju f'din is-sena qed niċċelebraw l-450 sena minn meta tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-kunvent fuq l-art li nsibu l-kunvent preżenti. Il-post tal-kunvent ta' qabel kien ftit 'il barra mill-Imdina, fejn illum jinstab salib fi Ġnien Howard.

*Meħud minn Ġrajjiet Agostinjani f'Malta ta' P. Ġulju Bonnici OSA, ippublikat mill-Provinċja Agostinjana Malta fl-1990.*